**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta tal-22 ta' Marzu 2023**

**Rik.Gur.Numru : 248/2019 JPG**
**Kawza Numru : 19**

**SF**
**VS**
**II**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' SF datat 4 ta' Novembru 2019, li jaqra hekk:

1. *Illi minn relazzjoni bejn il-partijiet twieldet tifla minuri HI nhar X (ara Dok A);*

2. *Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet sfaxxat u permezz ta' skrittura privata datata 29 ta' Mejju 2016, il-partijiet irregolaw il-kura u kustodja, manteniment u access ghall-wild minuri, fost affarijiet ohra; liema skrittura gie approvata minn din l-Onorabbli Qorti nhar il-5 ta'April 2016 (ara Dok B);*

3. *Illi sussegwentement, il-partijiet regghu irrikonciljaw izda f'Gunju 2019,ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet regghet sfaxxat minhabba l-agir ossessiv u perikoluz da parti tal-konvenut; tant illi l-esponenti kellha ssib refugju*

*gewwa shelter ghas-sigurta' taghha u ta' uliedha;*

4. *Illi l-esponenti regghet fethet proceduri ta' medjazzjoni sabiex jigu riveduti l-klawzoli tal-iskrittura privata rigward l-kura u kustodja, l-access u l-mantneiment tal-imsemmija minuri, fost affarijiet ohra;*

5. *Illi sussegwentement, l-esponenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi b'dil-kawza mill-Qorti Civili (sezzjoni Familja) permezz ta' digriet moghti seduta stante nhar is-17 ta' Ottubru 2019 (ara Dok C);*

*Jghid ghalhekk l-konvenuta ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn dina l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tordna li l-konvenut jigi mnehhi mill-jeddijiet kollha ta' setgha ta' genitur, ai termini ta' l-Artikolu/i 154 tal-Kodici Civili, u dan fl-interess suprem tal-minuri;*

2. *Tordna l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri HI ghandha tigi fdata f'idejn l-esponenti;*

3. *Tawtorizza lill-esponenti tiehu decizjonijiet kollha rigward sahha, edukazzjoni, safar u hrug ta' passaporti tal-minuri HI, minghajr il-kunsens tal-konvenut; u li taghti dawk il-provvedimenti ohra xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri fl-ahjar nteress taghha;*

4. *Tordna li l-minuri HI ghandha tirrisjedi mal-esponenti; u li d-domicilju u residenza ordinarja tal-minuri ghandha tkun fil-Gzejjer Maltin;*

5. *Tordna li l-minuri tista' tithalla fil-harsien ta' terzi persuni li huma familjari tal-partijiet u/jew ma' terzi persuna ohra li din l-Onorabbli Qorti thoss li huma responsabbli u kapaci jiehdu hsieb lill-minuri;*

6. *Tordna li l-access tal-konvenut ghall-minuri jkun sospiz, jew li l-konvenut ikollu access taht supervizjoni tal-Agenzija Appogg; u dan wara li jirrizulta illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri, anke tramite assessments appoziti, tenut kont l-agir ossessjonat u aggressiv tal-konvenut; u taghti dawk il-provedimenti ohra xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri;*

7. *Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment u spejjez kollha relatati mal-minuri li ghandu jigi pagabbli mill-konvenut lill-esponenti ghall-imsemmija minuri u jibqa hekk pagabbli sakemm il-minuri taghlaq l-eta' ta' tmintax-il sena (18) jekk tieqaf mill-iskola u tibda tahdem fuq bazi full-time, jew sa tlieta u ghoxrin (23) sena jekk il-minuri tiddeciedi li tibqa' tistudja; kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tal-konvenut, mill-impjieg jew xoghol jew kwalunkwe beneficcju li jkun qed jippercepixxi l-konvenut, u jigu depozitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti; filwaqt li tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja u li l-esponenti tircievi kwalunkwe beneficcji tat-tfal, inkluz imma mhux limitatament, ic-children's, fl-intier taghhom;*

8. *Tordna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta' sahha, hrug tal-passaporti u edukazzjoni tal-istess minuri sakemm tkun ghadha qed tistudja, inkluz spejjes relatati ma attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri. Fin-nuqqas, li dawn l-ispejjez kollha jkunu riflessi fl-ammont ta' manteniment;*

9. *Tordna lill-konvenut ihallas l-arretrati ta' manteniment ta' spejjez kollha ohra relatati mal-minuri lill-esponenti; u dan skont il-modalitajiet u l-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti;*

10. *Tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta a favur l-esponenti, u jekk din l-Onorabbli Qorti thoss il-htiega, din l-Ordni tigi estiza a favur it-tlett uliedha minuri AV u FV ahwa V u HI, u l-membri tal-familjari taghha;*

*Bl-ispejjez u imghaxijiet kollha kontra l-konvenut, inkluz il-proceduri ta' medjazzjoni u/jew mandati, lu huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti tal-kawza u d-digriet ta din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimat II datata 30 ta' Dicembru 2019, a fol 25, li taqra hekk:

1. *Illi l-pretensjonijiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u huma intizi biess sabiex jcahhdu lill-eccipjenti milli jkollu access adegwat ghall-bintu minuri u dana kif del resto kienu ftehmu nforza ta' skrittura privata datata 29 ta' Mejju 2016, kif approvata minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta.*

2. *Illi ma huwiex minnu li l-eccipjenti ghandu agir ossessiv u perikoluz de fronte tar-rikorrenti w ta' bintu minuri u dana kif ser jkun ippruvat dettajatament fil-mora w t-trattazzjoni tal-kawza.*

3. *Illi ma hemm ebda bazi legali ghaliex l-eccipjenti jkun mcahhad mill-jeddijiet kollha ta' setgha ta' genitur.*

4. *Anqas hemm raguni valida fil-ligi ghaliex il-kuntratt bejn il-kontendenti, rigward il-kura u kustodja u l-manteniment tal-minuri HI ghandu jkun varjat.*

5. *Illi l-eccipjent ma ghandu ebda oggezzjoni li r-residenza ordinarja tal-minuri tkun ma' l-omm u dana salvi li l-eccipjent jkollu access adegwat ghall-bintu minuri, u ghalhekk jogezzjona li l-access jkun sospiz jew addirettura taht supervizjoni.*

6. *Illi l-eccipjent ma jara ebda raguni ghaliex l-manteniment ghandu jkun awmentat u noltre joggezzjoni li huwa ghandu jkun asoggettat ukoll li jhallas wahdu l-ispejjez kollha relatati mal-minuri, inkluzi dawk ta' sahha u edukazzjoni.*

7. *In oltre', l-esponent joggezzjona ukoll li l-minuri tithalla fil-prezenza ta' terzi persuni wehidha, bl-eccezzjoni ghall-finijiet ta' sahha u edukazzjoni tal-istess minuri.*

8. *Illi l-iskop ta'dawn l-proceduri nizjati mir-rikorrenti, huma tentattiv sabiex tbieghed lill-minuri bintha minn missiera l-eccipjent u dana anke kif rifless fl-ghaxar talba taghha fir-rikors guramentat, fejn sahansitra qed jintalab li tohrog protection order fil-konfront tal-istess bintu minuri w dana bla ebda bazi fattwali*

*u legali ta' xejn.*

9. *Illi l-esponent dejjem thallas il-manteniment dovut u ghalhekk ma hemm ebda arretrati x'jithallsu, l-unika zmien fejn huwa ma hallas l-manteniment , kien f'dak il-perjodu fejn huwa kien arrestat ma kwistjonijiet konnessi mal-kaz odjern u ghalhekk ma kienx qed jahdem f'dal iz-zmien.*

10. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

**Ikkonsidrat:**

***L-attrici xehdet permezz ta' affidavit dettaljat hafna[1] (vide fol 36 et seq)*** u spjegat illi f'Jannar tas-sena 2013 harget tqila bil-minuri HI. Fil-bidu tar-relazzjoni taghha mal-intimat, hi kienet ghaddejja bis-separazzjoni minn mal-ex ragel taghha CV. Illi f'Dicembru 2013 huma kienu ffirmaw il-kuntratt u l-minuri HI twieldet nhar is- 26 ta' Settembru 2013. Tishaq illi kif l-intimat sar jaf illi kienet tqila, huwa beda jaqta' l-kuntatt minn maghha u kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn kienu jifthemu li ser jiltaqghu u l-intimat ma jigix jew kien ihalliha siegha tistennih. Tirrileva illi l-viziti ghand t-tabib dejjem marret ghalihom wahida. Ghalkemm dakinhar li dahlet l-isptar biex twelled lit-tifla, l-intimat kien mar maghha l-isptar, huwa kien telaq qabel ma tellugha fis-sala. Dak iz-zmien li twieldet il-minuri, hija kienet qieghda tghix il-Hamrun flimkien maz-zewg uliedha FV u AV, filwaqt li l-intimat kien joqghod Z. L-intimat kien imur ghandha meta kienx ikollha t-tfal il-kbar maghha, pero fil-bidu ma kienx jorqod ghandha, u hu kien jiehu hsieb lil HI fil-ftit hin li kienu jiltaqghu. Tishaq illi hu dejjem itrattaha tajjeb lil HI. Fl-2014 hija bdiet tlaqqa' lill-intimat ma' uliedha l-ohra, u f'dana l-istadju kien jaghmel xi iljieli jorqod ghandha, izda kien hemm drabi fejn minkejja li hi talbitu joroqd maghha biex ma tkunx wahida mat-tarbija, huwa ma kienx baqa' maghhom. Waqt ir-Ramadan, tixhed illi l-intimat kien ghamel madwar xahar ma jiltaqghax maghha u mat-tarbija. Tispjega illi darba minnhom kien anke talab lil gharusa ta' huha tohorg mieghu. Illi din kienet accettat bi qbil mal-attrici sabiex jaraw x'kien sar jghid l-intimat. Illi wara dana l-episodju hija ma felhitx tkelmu izjed, u kien hawn li hu beda jcempillha kontinwament u jsus warajha. Illi fil-bidu ta' Jannar 2015, l-ex ragel taghha kien wegga u kienet ospitatu ghandha ghax ma setghax jimxi u hija kellha l-facilita' tal-lift,  izda kien ghamel biss xi jumejn ghaliex bdiet tibza li ser

[1] Illi din il-Qorti qieghd atipproduci biss taqsira succinta ta' dak rilevat mill-attrici fl-affidavit taghha.

jinqala xi argument bejn l-intimat u CV. Fi Frar tas-sena 2015 rega kien hemm rikonciljazzjoni mal-intimat, izda maz-zmien il-prioritajiet tal-intimat regghu inbidlu, u beda jhalliha wahidha, u dejjem igib l-iskuzi. Kienet saret taf li kien qieghed isuq xi karozzi bla licenzja u hi bdiet tibza minhabba t-tfal. Peress li minn hemm l-affarijiet ma bdewx sejrin sew, hi kienet talbet lill-intimat sabiex jaghmlu skrittura li jirregola l-kura u kustodja tal-minuri quddiem avukat. Illi filfatt f'April tas-sena 2016 kienu ffirmaw din l-iskrittura. Illi l-fissazzjoni tal-intimat fuq l-attrici ma waqfitx, u ghalkemm kien temmet ir-relazzjoni ta' bejniethom ghal darb ohra, l-intimat beda jsegwi l-passi taghha, u jidhol id-dar taghha minghajr ma javzaha.

Illi r-relazzjoni bejn il-kontendenti kienet karatterizata minn hafna argument specjalment fuq CV (ex-ragel tal-attrici), theddid kull darba li l-attrici tiddeciedi li ttemm ir-relazzjoni taghhom, theddid li ser jiehu lit-tifla HIu ma jirritornahix, telefonati kontinwi, vjolenza fizika u anke psikologika. F'April tas-sena 2018, wara Open Day l-iskola ta' wahda mill-minuri, l-attrici baqghet sejra l-Appogg. Illi sakemm kienet hemm, kien cempilha diversi drabi tant li s-social worker kienet staqsitha jekk trid tmur go *Shelter* u filfatt kienet accettat. Ma kienitx damet is-*Shelter* minhabba li FV kienet qieghda tiddejjaq. Meta marret lura d-dar l-intimat beda jitlobha biex terga tahfirlu u biex jerghhu jirrangaw. L-attrici kienet hafret lill-intimat anke ghaliex kellha biza kbira illi kien ser jaghmilha xi haga jekk ma tirrangax mieghu. Illi l-ossessjoni fuq l-ex ragel tal-attrici baqghet tikber tant li kien qieghed jiccekjalha l-mobile. Illi l-affarijiet baqghu jirreppetu ruhhom u filfatt l-attrici kienet regghet talbet l-ghajnuna tal-Apppogg u kienet regghet dahlet is-*shelter*. Tispjega illi l-intimat kien ta' sikwiet imur is-*shelter* ihabbat. Illi sussegwentemnet wara li l-attrici regghet marret lura d-dar, kienet giet mitkellma mill-Vice Squad, u saret taf bid-disclosure li kienet ghamlet FV l-iskola, **fejn l-intimat kienet allegatament immolestaha sesswalment.** Illi wara dana l-episodju kienet regghhet dahlet is-*shelter*. Illi l-pulzija kien bdew proceduri fil-konfront tal-intimat. Tispjega illi kien hemm sensiela ta' episodji shah fejn uliedha kienu jispiccaw imwerwrin minhabba l-agir tal-intimat minkejja li anke kienu marru ghall-*counselling*. Illi l-minuri HI aktar ma beda jghaddi z-zmien aktar bdiet tibza minn missierha u kienet tirrifjuta li tmur ma'missierha. Illi l-agir tal-intimat baqa' l-istess b'dana illi l-ossessjoni tieghu baqghat tikber. Illi tul il-pendenza taghha fix-*shelter*, l-intimat beda jibghatilha hafna deliveries fosthom fjuri, u sensiela ta' voice messages. Kien baqa' jmur wara l-bieb tas-*shelter*. Illi kien hemm zmien meta beda jsus wara missierha u wara CV u anke wara uliedha l-kbar bil-karozza. Illi wara li nharget il-Protection Order, l-intimat xorta wahda sab mezz kif jibqa' jiffastidja lill-attrici u lill uliedha, tant li beda jaghmel rapporti kontra taghha jallega li kienet qieghda thalli lill-minuri wahidha s-*shelter* waqt li hi

tohrog u tmur il-Gzira. Illi fis- 17 ta' Awwissu 2019 minkejja li missierha kellu permess sabiex jidhol ghalihom fil-garage tas-*shelter*, kif appena hargu mill-garaxx sabu lill-intimat ma' wicchom, b'dana illi l-intimat beda jipprova jiehu c-cavetta tal-karozza ta' missier l-attrici. Illi minn hemm saqu sa fejn l-ghassa ta' Hal Balzan u x'hin waslu hdejn l-ghassa l-intimat telaq l'hemm. Illi fit-22 ta' Settembru 2019 giet infurmata minn FV li waqt li kienu weekend break ma missierhom, sabu lill-intimat hdejn il-lukanda. Wara dan l-incident kien cempilha CV u kien qalilha biex toqoghod attenta ghaliex kien ghadu kif cempillu l-intimat u kien qallu li huwa lest li jahrab mill-pajjiz imma qabel jitlaq ser iqabbad lil xi hadd biex joqtol lill-attrici.

Meta l-intimat kien arrestat, it-telefonati kienu waqfu izda imbaghad fil-11 ta' Novembru 2019 kien inghata l-bail, u wara ftit kien rega beda jaqbad maghhom, u jsegwi l-passi ta' CV. Illi waqt li kienet qieghda tkun il-Qorti, huwa ukoll kien jipprova jkellimha u kienu jwaqqfuh kull darba is-*security* jew il-pulizija. Tishaq illi dan kollu kissira mentalment u qieghed johloq anzjeta kbira fiha, u dan apparti t-trawma li ghaddew minnu uliedha. Fir-rigward l-kura u l-kustodja tal-minuri HI, hija tirrileva illi dejjem kienet hi li hadet hsieb il-kura u l-edukazzjoni tal-minuri, u l-intimat qatt ma wera interess versu l-edukazzjoni taghha. Illi l-minuri hija ormai mwerwra minnu minhabba dak kollu li gara u anke giet riferuta ghat-terapija. Illi hemm ukoll il kwistjoni dwar dak rapportat minn FV fil-konfront tal-intimat. Illi ghalhekk ghandu jigi mnehhi mill-jeddijiet kollha genitur.

***L-Ispettur Andrew Agius stazzjonat l-ghassa ta' Birkirkara, xehed nhar is-16 ta Novembru 2020 a fol 88A et seq*** u filwaqt li esebixxa l-fedina penali tal-intimat, esebixxa ukoll tnejn u tletin (32) il-rapport marbuta mal-partijiet.

***Victoria Spagnol social worker fi hdan Dar Merhba Bik xehdet nhar is-16 ta'Novembru 2020 a fol 88C et seq*** u spjegat illi meta hija bdiet tahdem Dar Merhba Bik, l-attrici kienet diga qieghda hemmhekk, u kienet giet infurmata illi din kienet il-hames (5) *admission* taghha f'Dar Merhba Bik. Illi mill-informazzjoni li gabret jirrizultalha illi l-intimat minkejja li l-attrici kienet qieghda tipprova tittermina r-relazzjoni taghha minn mieghu, kien persistenti u kellu kontroll fuq l-attrici. Illi kien ghalhekk illi hija kienet dahlet il-*home.* Illi fil-hames *admission,* l-attrici kienet tinsab inkwetata peress illi l-affarijiet kienu anke eskalaw bejn missier uliedha il-kbar, mill-ewwel zwieg taghha u l-intimat. Ix-xhud tispjega illi kien hemm allegazzjoni illi FV, it-tifla l-kbira tal-attrici mill-ewwel zwieg taghha, kienet giet molestat sesswalment mill-intimat, u l-missier kien ha passi legali kontra l-intimat. Illi kienet anke inharget ordni ta' protezzjoni

favur l-attrici u li anke kellha l-kura u l-kustodja temporanja tal-minuri HI. Ix-xhud tikkonferma illi l-ahhar *admission* tal-attrici kienet fil-11 ta' Gunju 2019. Izzid illi l-attrici kellha effetti ta' trawma fuqha fosthom kienet tlaqlaq biex titkellem, kienet gieli tirrepeti warajha. Illi x-xhud tirrakonta ukoll illi kien hemm effetti ta' trawma fuq il-minuri HI, u l-attegjament tal-minuri kien inkwetanti hafna. Illi flimkien ma' professjonisti ohra hadmu sabiex jghinu lill-attrici ma thallix it-trawma twaqqafa milli tara l-bzonnijiet psikologici ta' uliedha.

Illi sussegwentement kien hemm qbil illi l-minuri HI ikollha terapija ghaliha, u l-istess AV, b'dana illi jkollhom ukoll terapija bhala familja, u cioe l-omm u t-tfal, filwaqt I l-attrici kellha tibqa' ghaddejja bit-terapija taghha. Tispjega illi minkejja li kien hemm diversi preparamenti sabiex jippreparaw lill-minuri HI ghall-access mal-missier, it-tifla kienet titubanti u minn hemm hekk ix-xhud kienet issuggeriet illi jintroducu *play therapy* ghall-minuri HI. Tishaq illi l-attrici xorta wahda xtaqet illi l-minuri tkun preparata ghall-SAVs. Illi minkejja li kienu talbu sabiex l-SAVs jigu posposti, dan ma kienx possibbli u filfatt kienu bdew. Illi l-minuri qieghda fuq *waiting list* ghat-terapija. Tispjega illi mill-*feedback* li hija rceviet, il-minuri marret tajjeb l-ewwel *session*, pero x-xhud tindika illi hi ma kienitx prezenti u ghalhekk ma tistax tistkellem fuq il-*body language* tal-minuri.

In ***kontro-ezami*** ix-xhud tikkonferma illi hija ghandha *feedback* fuq l-ewwel SAV biss peress illi l-kuntatt mal-attrici waqaf. Hija tikkonferma illi hija ma tafx kemm il-darba l-minuri attendiet ghall-SAVs u li l-*feedback* li hija hadet dwar l-ewwel SAV kien dak li rceviet minghand Adriana li hija s-*social worker*.

***Elaine Pavia head of home Good Shepard Sisters, Dar Merhba Bik Foundation, xehdet nhar l-4 ta' Frar 2021 (vide fol 205 et seq)*** u spjegat illi l-attrici flimkien mat-tlett (3) uliedha dahlu u uzaw is-servizz residenzjali taghhom f'Dar Merhba Bik **hames (5) darbiet**. Illi f'kull *admission* **ir-*referral* giet mit-taqsima tal-Vjolenza Domestika**. L-ewwel erba' *admissions* ma kienux twal, pero' fl-ahhar *admission*, **l-attrici kienet damet 'l fuq minn sena fis-*shelter*.** Tirrakkonta illi l-attrici ma tantx kienet tohorg barra mis-*shelter* minhabba l-biza li kellhom. **Illi filfatt il-minuri HI kienet anke ghamlet *home tuition* gewwa s-*shelter* stess**. Izzid illi l-minuri kellha biza minn persuni tas-sess maskil, illi filfatt l-ewwel ghalliem li kien jigi ghall-*home tuition* kien ragel u ghamlet l-ewwel xahrejn ma tkelmux, u filfatt meta ntebhu b'dan, kienu talbu illi tintbaght ghalliema mara. Illi wara din il-bidla bdew jaraw progress minnufih.

**Tixhed illi kien hemm diversi episodji, fosthom meta l-intimat hataf lit-tifla huma u diehlin lura s-*shelter*, illi minkejja li kienu awtorizzaw lill-missierha jigborhom mill-garaxx tas-*shelter*, kif fethu l-garage l-intimat kien niezel mit-triq taghhom u waqqaf il-karozza tieghu f' nofs ta' triq u prova jiftah il-bibien tal-karozza. L-istaff taghha gieli qalulha illi l-intimat kien waqqafhom u offrilhom il-flus jew anke lifts bil-karozzi u kienu infurmaw lill-Ghassa ta' Birkirkara b'dan kollu.**

**Illi minkejja li kien hemm *Protection Order* fil-konfront tal-attrici, l-intimat xorta wahda kien jibghatilha sensiela ta' messaggi. Izzid illi kien hemm perjodu fejn kienu jircievu telefonati minn diversi ghasses fejn kienu jistaqsu ghal-SF. Illi saru jafu illi l-intimat kien qieghed jallega illi l-attrici kienet qieghda tkun f'postijiet differenti minghajr bintha, meta l-attrici kienet tkun qieghda flimkien mal-minuri s-*shelter*.**

***Ruth Cortis, psychotherapist, nhar l-4 ta' Frar 2021 (vide fol 202 et seq) filwaqt*** illi esebiet ir-rapport taghha, ikkonfermat illi hija ghadha ssegwi lill-attrici u li s-sezzjonijiet huma regolari.

***Sylvana Calleja xehdet nhar il- 25 ta' Marzu 2021 a(vide fol 49 et seq[2])*** u spjegat illi hi kienet isegwi lill-attrici u l-ewwel appuntament li hija kellha maghha kien fis-27 ta' April 2018 wara li l-attrici kienet ghamlet kuntatt mal-Agenzija Appogg ghall-ghajnuna. L-attrici kienet spjegatilha illi hi kienet f'relazzjoni mal-intimat u li flimkien kellhom tifla, filwaqt li hi kellha zewgt itfal ohra miz-zwieg precedenti. Spjegatilha illi hi kienet qieghda thossha kontrollata f'din ir-relazzjoni, fejn hu kien isus il-hin kollu warajha, jara fejn tkun qieghda, u kien jikkontrolla fejn kienet tmur. Izzid illi hu kien jakkuzaha li kienet ghadha f'relazzjoni mal-ex ragel taghha u minhabba dawn l-argumenti, l-intimat kien ikun fizikament u emozjonalment aggressiv lejha. Ix-xhud tixhed illi waqt din il-laqgha, l-intimat kien filfatt cempel lill-attrici u x-xhud kienet semghat il-konverzazzjoni peress illi l-attrici kienet ghamlitu fuq *speaker mode*. Hu beda jistaqsiha fejn qieghda. Wara ftit minuti rega' cempilha u hu kien qieghed jghajjat u juza kliem dispreggattiv lejha fosthom "qahba" u jistaqsiha fejn qieghda ghaliex wara li l-attrici kienet qaltlu li qieghda meeting l-iskola tal-minuri, l-intimat mar ifitixxha hemmhekk u ma sabhiex. **Tishaq illi sakemm damu jitkellmu, baqa' jcempilha il-hin kollu**. Illi waqt dan l-appuntament l-attrici bdiet tibza li s-sitwazzjoni ser teskala u minn hemm filfatt kienet

---

[2] Atti 248/2019/2 JPG

baqghet sejra s-*shelter*. Meta waslet is-*shelter* ghamlet l-arrangamenti sabiex it-tfal imorru ukoll fis-*shelter* maghha. **Ix-xhud tikkonferma illi bejn is-27 ta' April u Lulju tas-sena 2018, l-attrici dahlet hames darbiet gos-*shelter*. Illi fit- 8 ta'Novemberu kien hemm *disclosure* da parti ta' FV l-iskola, illi l-intimat kien ghamel xi avvanzi sesswali fuqha, fejn l-iskola informat lic-Child Protection u kienu gew infurmati ukoll il-Vice Squad.** Tirrakonta episodju ukoll fejn waqt *hand over* tal-minuri, l-attrici kienet qaltilha illi l-intimat beda jipprova johdilha l-mobile u **kien hemmhekk li qalilha illi mhux ser jirritorna lil HIlura, u kellha tigi involuta l-Pulizija**.

Is-sitwazzjoni dejjem baqghet l-istess, bl-attrici diehla u hierga fis-*shelter* ghaliex ma kienitx thossha sigura f'darha stess. Kien gie rappurtat lilha minn kollegi ohra fis-*shelter* illi ta' sikwiet kienu jaraw lill-intimat fil-vicinanzi tas-*shelter* u kien icempel lill-attrici kontinwament, kien jibghatilha affarijiet bhal xirjiet, fjuri etc. Illi **fit-13 ta' Gunju 2019, l-intimat seraq lill-minuri**. Illi dan gara hekk kif l-attrici flimkien mal-minuri kienu rritornaw lura s-*shelter*. Huma kienu raw lill-intimat riesaq lejhom, dan hataf lill-minuri u baqa' sejjer biha. **L-intimat kien zammha 24 siegha u kull ftit sieghat kien imur wara l-bieb tas-*shelter* juri lit-tifla fuq il-camera u jerga' jitlaq**. Illi l-Pulizija kellha ovjament terga' tigi involuta. Illi kien hemm episodju iehor fejn l-intimat prova jiftah il-bibien tal-karozza tal-attrici, u anke prova jidhol mill-but tal-karozza. **Illi wara dan l-episodju l-attrici kienet prattikament issakkret fix-*shelter*. Illi fiflatt ghal hafna gimghat ma kienitx harget xejn hlief ghal xi qadi essenzjali.** Illi sussegwentement kien inhareg *Protection Order* u l-access kien twaqqaf pero' minkejja dan it-telefonati baqghu ghaddejjin lejl u nhar, jibghatilha messaggi u voice messages, li kienu minn mobile numbers differenti.

Ix-xhud tishaq **illi l-intimat kien anke isegwi lill-ex-ragel tal-attrici** u kien anke jibghatilha li l-ex ragel taghha qieghed f'certu post ma' certu persuni, **u li kellu ossessjoni kbira li l-attrici regghet lura mal-ex ragel taghha**. Kienet giet infurmata ukoll illi **l-intimat kien qieghed jaghmel rapport mal-Pulizija illi l-attrici kienet qieghda thalli lill-minuri is-*shelter* waqt li hija kienet tmur tipprostitwixxi ruhha l-Gzira. Kien anke sar rapport fuq l-istess bazi mac-Child Protection.** Illi kien hemm episodju iehor fejn l-ex ragel tal-attrici flimkien ma' uliedu kienu qieghdin *weekend break* u kien mar warajhom l-intimat, fejn kien hedded illi ser joqtol lill-attrici u jahrab mill-pajjiz. Illi wara dan l-episodju, l-intimat kien gie arrestat u f'Novembru tas-sena 2019 kien inghata l-bail. It-telefonati kienu waqfu hesrem hekk kif kien arrestat. Meta inheles bil-bail, l-attrici kienet infurmata illi kien ghadu m'ghamilx

kuntatt maghha, illi pero l-ewwel darba illi l-attrici kienet attendiet ghall-Qorti wahida minghajr skorta, l-intimat avvicinaha u kien qalilha li kien ghadu jhobbha. Illi x-xhud tikkonferma illi hija ma baqatx inkarigata bil-kaz minn Lulju tas-sena 2020.

***Vincent Farrugia, missier l-attrici, xehed permezz ta' affidavit (vide fol 54 et seq.)*** Huwa jispjega illi huwa iltaqgha mal-intimat l-ewwel darba fis-sena 2018, meta l-attrici kienet haditu maghha d-dar tieghu. Bintu qatt ma qaltlu x'kien jigri u ghalkemm kien jaf li kien hemm hafna drabi fejn dahlet fis-*shelter,* qatt ma qaltlu ghalfejn. Illi filfatt kien l-ex ragel tal-attrici illi kien qallu li l-attrici dahlet fis-*shelter* f' Gunju tas-sena 2019.

Jirrakonta illi l-attrici sussegwentement kienet qaltlu illi l-intimat kien qieghed jiffissa illi hi u l-ex ragel taghha kienu ghadhom flimkien. Illi darba minnhom kien mar ma' wahda minn neputijiet id-dar sabiex tigbor xi kotba, u kienu sabu il-kmamar imsakkrin. **Illi wara dakinhar, l-intimat beda jcempillu fuq il-mobile kontinwament, u kien jircievi madwar 14 il-telefonata kuljum izda hu qatt ma irrispondieh. Illi kien ukoll jibghatlu hafna messaggi fuq l-attrici**, u li bintu hija "qahba" u li qieghda tmur ma' hafna irgiel. Illi darba minnhom kif appenna wassal lill-attrici u t-tfal lura s-*shelter*, waqfet karozza ezatt ma' tieghu, u nizel l-intimat minn go fiha. **L-intimat mar jigri fuq HI u hatafha**. Sadanitant ix-xhud kien induna li kien hallha c-cwievet fil-karozza, u kien ha c-cwievet biex l-intimat ma jkunx jista' jitlaq bit-tifla, meta ra dan, **l-intimat pero' tefa lit-tifla fuq spaltu u telaq jigri biha lejn San Anton**. Ix-xhud jispjega illi hu ma kellux sahha jigri warajh ghaliex ibati minn kundizzjoni tan-nifs.

Ix-xhud jirrakonta illi kien hemm episodju iehor fejn wara li mar jigbor lin-neputijiet minghand l-ex ragel tal-attrici, kien sab lill-intimat bil-karozza u minkejja li qallu li ma jridx ikellmu l-intimat baqa' jsuq warajh. Illi minn hemm baqa' sejjer l-Ghassa ta' Hal Qormi izda kif l-intimat rah jieqaf l-ghassa telaq l'hemm. Illi kien hemm okkazzjoni ohra fejn sab lill-intimat warajh meta mar jigbor lill-attrici mis-*shelter.* Illi dakinhar mar ghamel rapport fl-ewwel ghassa li sab u cioe dik ta'Hal Balzan, izda ma kienx sab fejn jipparkja minhabba l-festa u kellu jibqa' sejjer. Illi l-intimat baqa' jsuq warajh sakemm wasal ghand l-ex ragel tal-attrici Hal Qormi. X'hin gabar lit-tfal rega lemhu jsuq warajh. Illi kif appena ipparkja jilmah lill-intimat gej bil-pass u gie jixtarr minn kien hemm mieghu fil-karozza. Wara li ghamel dan l-intimat telaq jigri sa fejn is-*shelter* fejn kellu l-karozza, **u baqa' tiela u niezel minn hdejn is-*shelter* sa fejn ix-xhud kellu l-karozza ipparkjata. Illi t-tfal kienu mwerwrin**. **Illi dawn l-episodji kienu frekwenti**

**hafna**. Illi l-ex ragel ta' bintu, CV, kien qallu ukoll illi l-intimat kien qieghed jaqbad mieghu u li kien qieghed isegwih bil-karozza. Illi CV kien anke qallu li kien qieghed jaghmel ir-rapporti l-ghassa dwar dan. CV kien anke cempillu wara dak li kien gara waqt il-weekend break. **Sostna illi l-minuri HI ma trid tmur imkien minghajr ommha, u baqghet imbezza milli tohrog mis-*shelter***. Illi filfatt huwa jwassallhom ghall-access ghaliex ghadha tibza' tmur wahidha.

***Louis Buhagiar, Senior Executive fi hdan Jobs Plus, xehed nhar it-8 ta' Ottubru 2021*** u prezenta l-Employment history tal-attrici u dik tal-intimat.

***Saviour Theuma, xehed nhar it- 8 ta' Ottubru 2021*** u presenta dokumentazzjoni relattiva ghall-beneficcji socjali percepiti mill-partijiet.

***Dr Naomi Bartolo, in rapprezentanza tal-Housing Authority, xehdet nhar it- 8 ta' Ottubru 2021*** u spjegat illi fir-rigward tal-attrici instabu erba' (4) files, tnejn minnhom jirrigwardaw postijiet differenti minn dak indikat fuq l-ingunzjoni, u cioe il-fond f' Hal Qormi. Ix-xhud tikkonferma illi l-post f' Hal Qormi huwa l-post fuq liema l-attrici qieghda tircievi sussidju. Izzid illi kien hemm zewg postijiet ohra fejn qabel kienet tiehu sussidju fuqhom pero kienet harget minnhom u ghalhekk jinghalaq il-file. Fir-rigward il-post ta' Hal Qormi, l-attrici kienet l-ewwel tibbenefika minn skema maghrufa bhala PRS, *Private Residential Subsidy Scheme*, illi sussegwentement pero' min kien qieghed taht dik l-iskema gie trasferit ghall-iskema HBS, *Housing Benefit Scheme* li hija skema iktar vantaggjuza u b'hekk infetah *file* iehor. Izzid illi l-attrici ghandha ukoll social housing application u gie ffirmat anke *pre-availability agreement* fuq post ghal akkomodazzjoni socjali. Il-kuntratt finali ghadu ma sarx. Ix-xhud tikkonferma illi l-attrici qieghda tircievi s-somma ta' EUR 374.38 kull xahar bhala sussidju.

***Karen Cremona, in rapprezentanza ta' Transport Malta xehdet nhar il- 25 ta' Ottubru 2021 (vide fol 237 et seq)*** u spjegat illi l-attrici ghandha zewg vetturi registrati fuq isimha, u wahda minnhom hija skrepjata. Spjegat ukoll illi l-intimat kellu wiehed u ghoxrin (21) vettura rregistrata fuq ismu, b'dana illi whud minnhom huma skrapjati.

***Johanna Bartolo, in rapprezentanza tal- Bank of Valletta xehdet nhar il-25 ta' Ottubru 2021 (vide fol 241 et seq)*** u spjegat illi rrizulta *savings account* f'isem l-attrici, u rrizulta illi hemm erba *loans* f'isem l-intimat u hemm ukoll *legal fees account* f'ismu ukoll. Izzid illi l-bank kien ha proceduri legali fil-konfornt tal-intimat, fejn kien hemm subbasta li saret fis-7 ta'Settembru

2021 u l-propjeta giet liberata favur il-Bank.

***Charmaine Psaila Ragi in rapprezentanza tal- APS Bank xehdet nhar il-25 ta' Ottubru 2021 (vide fol 241 et seq)*** u spjegat illi rrizulta li hemm kont intestat f'isem l-attrici flimkien ma' terzi.

***Neil Baldacchino in rapprezentanza BNF bank xehed nhar il-25 ta' Ottubru 2021 (vide fol 241 et seq) a fol 246*** u spjega illi ma nstabu l-ebda kontijiet f'isem l-attrici izda instabu zewg kontijiet, b'dana illi z-zewg kontijiet jinsabu f'debitu. Ix-xhud jikkonferma illi hemm ukoll *garnishee order* kontra l-intimat.

***Lorraine Attard in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc xehdet nhar il-25 ta' Ottubru 2021 (vide fol 249 et seq)*** u spjegat illi hemm *current account* f'isem l-intimat u *savings account* f'isem l-attrici.

***L-intimat xehed nhar it-28 ta' Frar 2022 (vide fol 281 et seq) u spjega illi*** illi huwa iltaqgha mal-attrici peress illi kellu xi xoghol mar-ragel taghha, CV. Illi hu kien jixtri xi ghodda minghandu u kien fthiem mar-ragel tal-attrici illi flok ihallsu kellu jaghmillu xi xoghol fuq it-tarag. Illi filfatt iltaqgha mal-attrici meta kien qieghed jahdem ghandhom. Illi sakemm kien qieghed jahdem, huma kienu jitkellmu, u hi kienet tghidlu li l-affarijiet ma' zewgha ma kienux sew, u li kienu anke fittxew l-ghajnuna ta' professjonisti. Izid illi l-attrici kienet tghidlu illi zewgha m'ghadux jigi d-dar u filfatt wara ftit hija harget tqila b'HI. Illi sussegwentement huwa nduna illi l-attrici u zewgha kienu ghadhom flimkien. Illi imbaghad zewgha kien keccieha mid-dar u kienet talbet lill-intimat isibilha dar. Huwa jinsisti illi kienu infethu proceduri dwar il-paternita ta' HI, u li l-attrici u zewgha xorta wahda baqa' ikollhom rapport sahansitra fid-dar fejn huwa kien sabilha l-Hamrun. Illi kien biss meta t-tifla kellha tliet snin meta kienu sabu fond f'Rahal Gdid li huwa mar jghix mal-attrici.

***L-intimat ukoll xehed nhar id- 9 ta Mejju 2022 (vide fol 296 et seq)*** u spjega illi wara li marru Rahal Gdid, kienu marru Hal Qormi fejn damu madwar sentejn, izda hu ma kienx jorqod hemmhekk, u kellhom argument fuq din il-kwistjoni. Huwa jishaq illi dak iz-zmien kien ghadu jcempilha r-ragel taghha u li kienu anke gieli iltaqghu. Izid illi sakemm kienu Rahal il-Gdid, kien anke sab lir-ragel tal-attrici ghandhom, u dakinhar l-intimat kien qabad u telaq. Jinsisti illi l-attrici kien qed ikollha relazzjoni ma' zewgha u kif ukoll mieghu fl-istess hin. Jinsisti illi huwa baqa f'relazzjoni maghha minhabba it-tifla ghaliex kieku ma kienitx thallieh jaraha. Illi

sakemm huma kienu Hal Qormi, huwa kien beda jorqod maghhom, ghaliex l-attrici kienet qaltlu li mhux ser tkellem iktar lil zewgha izda hu xorta wahda kien zamm il-post tieghu u gieli kien hemm drabi fejn ma kienx jorqod mal-attrici f'Hal Qormi. **Jixhed illi ghalkemm hu qatt ma ra jew sab lir-ragel tal-attrici fil-post ta' Hal Qormi, wahda mill-girien kienet qaltlu li zewgha gieli mar ghandha bil-lejl wara li jitlaq hu**.

***L-intimat xehed nhar is-27 ta' Gunju 2022 (vide fol 300 et seq)*** u ikkonferma illi hu u l-attrici kienu ghamlu skrittura li kienet saret ghand l-avukat precedenti tieghu. Huwa jispjega illi hu kellu jara lit-tifla tliet darbiet fil-gimgha. Minkejja dan, l-attrici ma kienitx thallih jara lit-tifla u kien spicca ghamel hmistax (15) – il rapport mal-Pulizija. Jishaq illi sad-data ta' din it-testimonjanza, kien ilu tliet xhur ma jara lit-tifla. **Huwa jichad li qatt staqsa lit-tifla dwar ommha u li ormai ghandu relazzjoni ma hadd iehor.**

***L-intimat nhar id- 9 ta' Novembru 2022 xehed*** illi qieghed isir hafna hsara fil-konfront tieghu ghaliex l-attrici u zewgha kienu ftehmu, b'dana illi l-attrici kienet qalet fi proceduri l-Qorti illi l-minuri mhux bint l-intimat u li ma tafx min hu missierha u dan fuq suggeriment ta' zewgha. Izid illi zewgha baqa' jikkmandaha f' kollox. Jirrileva illi l-attrici baqghet tiftiehem ma' zewgha u kienu marru jkellmu xi ufficjali sabiex l-intimat jitkecca minn Malta. Huwa jsostni illi huwa jixtieq illi jibqa' jara lit-tifla. Mistoqsi mill-Qorti kemm qieghed jivversa manteniment ghall-bintu, huwa jishaq illi qieghed jghaddi EUR 320 fix-xahar liema somma hija hafna ghalih ghaliex huwa ma jahdimx. **Jikkonferma illi ilu xi sitt (6) xhur ma jghaddi manteniment**. Isostni illi huwa qieghed jikri zewgt ikmamar f'Hal Balzan u l-familja tieghu qieghda tibghatlu xi affarijiet biex jghinuh. Di piu' ghandu tfajla li qieghda tghin finanzjarjament ukoll.

***L-attrici prezentat affidavit ulterjuri (vide fol 255 et seq)*** u spjegat illi l-intimat ghaddha manteniment ghall-minuri HI ghax-xhur ta' Awwissu 2020 sa Novembru 2020 u ghax-xahar ta' Jannar 2021 biss. Fil-15 ta' Novembru 2021 huwa ghaddha hames mitt Ewro (Eur 500) quddiem il-Magsitrat L Lanfranco fejn dakinhar kien akkuzat li naqas milli jhallas manteniment ghal diversi xhur u dan skont l-iskrittura privata li giet kkonfermata b'digriet tal-Qorti li inghata sussegwentement. Illi l-arretrati ta' manteniment jammontaw ghal sitt elef u erba' mitt Ewro (EUR 6,400) sas 7 ta' Dicembru 2021. Hija tishaq illi qieghda tinkorri diversi spejjes u qieghda thallas kirja ta' sitt mija u hamsin ewro (EUR 650) fix-xahar piu hamsa u erbghin Ewro (EUR 45) ghall-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Izzid illi hija qieghda tircievi s-somma ta' tlett mija u sebghin ewro (EUR 370) fix-xahar bhala sussidju tal-kera minghand l-

Awtorita' tad-Djar. Tirrileva illi hija dejjem hadet hsieb dak kollu li jirigwarda t-tifla u tixtieq li tibghata xi attivita extra-kurrikulari imma m'ghandhiex bizzejjed flus sabiex taghmel dan.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara proceduri intavolati mill-attrici omm fejn qieghda titlob illi tigi fdata bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri HI.

***Kura u l-kustodja tal-ulied***

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [3] Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[4] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[5]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

---

[3] Enfazi tal-Qorti.
[4] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[5] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[6] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[7]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[8]

> *"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[9]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested***

---

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.
[7] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[8] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[9] Enfazi tal-Qorti.

> ***at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi gie ritenut ukoll illi meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-genituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-ahjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maggor parti tal-kazijiet li jitressqu ghad-decizjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull decizjoni immankabilment thalli effett duratur fuq il-hajja tal-minuri u fuq il-hajja ta' dawk ta' madwar il-minuri.

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[10] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

***Manteniment ghall-ulied***

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied

[10] Enfazi tal-Qorti.

tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> ***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***
>
> ***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***
>
> ***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***
>
> ***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***
>
> ***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

> ***...........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana***

***Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti***

***Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

***".......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-minuri HI twieldet f'X u llum ghandha circa X snin. Illi mill-verbal tal-udjenza tas- 26 ta' Jannar 2023, jirrizulta illi minn informazzjoni li giet mghoddija lil din il-Qorti, l-intimat x'aktarx kien mahrub mill-pajjiz. Illi minhabba dawn ic-cirkostanzi, l-avukat difensur tal-attrici kienet prekluza milli taghmel il-kontro-ezami tal-intimat. Illi fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti iddikjarat l-provi tal-intimat maghluqa u akkordat l-fakolta' lill-partijiet li jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet. Illi l-intimat baqa inadempjenti.

Din il-Qorti kellha l-opportunita li tisma x-xhieda *viva voce* ta' diversi haddiema socjali li kienu involuti fil-kaz tal-attrici u uliedha. Illi din il-Qorti tosserva illi x-xhieda ta' dawn l-professjonisti, fosthom Elaine Pavia, Sylvana Calleja ikkoraboraw dak kollu li xehdet l-attrici, inkluz dak li kien gara fid-diversi episodji indikati mill-attrici fl-affidavit taghha, b'mod partikolari meta l-intimat hataf lill-minuri HI minn quddiem il-bieb tas-*Shelter*, l-episodju ta' meta fegg l-intimat hekk kif l-attrici, il-minuri u missierha hargu bil-karozza **mill-*garage* tas-**

***Shelter***. Illi x-xhieda ta' dawn il-professjonisti jikkorabora sal-anqas dettall, il-martirju shih li minnu ghaddew l-attrici u uliedha minuri. Illi l-fedina penali tal-intimat esebita in atti ukoll tikkorabora dak li xehdet l-attrici u cioe li l-intimat kien ghamel zmien isuq minghajr licenzja tas-sewqa u b'mod perikoluz. Illi r-rapporti ezebiti ukoll jaghtu konferma tal-episodji indikati mill-attrici fl-affidavit taghha. Infatti fl-atti procedurali hemm sensiela ta' rapporti ta' *stalking* daparti tal-intimat fuq l-attrici u l-familjari taghha, ir-rapporti foloz maghmulha mill-intimat dwar il-cosidetto prostituzzjoni tal-attrici fil-Gzira u l-allegat negligenza tal-attrici mat-tifla taghha **meta l-attrici kienet fizikament fis-*shelter* ma bintha**, u dan apparti it-telefonati kontinwi lejl u nhar u t-theddid regolari daparti tal-intimat li ser joqtolha u li ser ihanxrilha ghonqha. Apparti minn dana kollu, hemm l-ombra tal-allegazzjoni tal-molestja sesswali daparti tal-intimat fuq it-tifla tal-attrici FVli l-istess tifla rrapportat mad-dirigenti tal-iskola li rrappurtaw minnufih lil Vice Squad. FV filfatt kienet tat rakkont ta' dak li gara lis-social worker fi hdan il-Vice Squad. **Dan l-agir wassal sabiex l-attrici tidhol f'*shelter* hames darbiet** u wassal sabiex il-Qorti, diversament preseduta, tordna l-hrug ta' Protection Order[11] fit-18 ta' Lulju 2019 bi protezzjoni tal-attrici u tlett ulieda, missierha u l-membri tal-familja taghha. Din it-testimonjanza kollha ma thalli l-ebda ombra ta' dubju f'din il-Qorti illi x-xhieda tal-attrici hija l-verzjoni korretta ta' kif zvolgiet ir-relazzjoni tossika bejn il-partijiet. Illi din il-Qorti taghraf it-trawma li ghaddew minnha l-attrici, uliedha u anke l-familjari taghha **a kawza tal-agir ossessjonat tal-intimat**, l-effetti ta' liema ghadhom jinhassu b'mod palezi fuq l-attrici u uliedha. Illi dan kollu ser ikollu riperkussjonijiet sostanzjali fuq il-hajja tal-attrici u uliedha u kif ukoll fuq ir-rapporti taghhom ma' persuni ohra. Illi tul il-proceduri, din il-Qorti rat kif l-ghemil tal-intimat kellu effett fuq il-progress akkademiku tal-minuri u anke fl-izvilupp socjali taghha fis-sens li l-minuri huma mahkuma minn biza u ansjeta konsiderevoli tant li kull darba li jirfsu mill-bieb tas-*shelter* 'l barra, kontinwament iharsu lura biex jaraw jekk l-intimat qieghedx isegwihom.

Illi minkejja li l-intimat fit-testimonjanza tieghu dejjem jishaq illi huwa jrid biss li jara lit-tifla u li hu m'ghandu l-ebda tort ghal dak li gara, id-disinteress totali da parti tieghu lejn l-andament finali ta' dawn il-proceduri jirrifletti dak rilevat mill-attrici fix-xhieda taghha u cioe illi l-intimat huwa persuna inaffidabbli u irresponsabbli, u li fil-verita', qatt ma wera' interess versu l-edukazzjoni u l-kura tal-minuri HI. Minkejja dak li dejjem ttenna fit-testimonjanza tieghu, jirrizulta b'mod car illi l-intimat ftit li xejn impurtah mill-ezitu ta' dawn l-istess proceduri. Illi fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti dak li rrizulta mill-atti processwali u mix-xhieda

[11] Vide Fol 9 ta' 248/2019/2 fl-ismijiet premessi

mismugha, **hija l-ossessjoni esagerata tal-intimat fil-konfront tal-attrici, tal-ex ragel taghha, CV missier FV u AV, tfal tal-attrici**.

Din il-Qorti rat illi permezz ta' digriet pendente lite, datat 17 ta' Ottubru 2019, l-attrici kienet giet fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri u kienet awtorizzatha sabiex tiehu dawk id-decisjonijiet kollha relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess. Illi l-intimat qatt ma kkontesta din id-decisjoni.

Illi fid-dawl ta' dan il-fatt, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula aktar l' fuq, din il-Qorti tqis illi jezistu l-estremi necessarji sabiex il-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata **esklussivament f'idejn ir-rikorrenti omm**, li ghandha wahidha minghajr l-firma, kunsens jew presenza tal-intimat missier, tiehu decizjonijiet ordinarji jew straordinarji kollha fir-rigward tal-minuri HI ghal dak kollu li jirrigwarda l-edukazzjoni,s-sahha, is-safar u l-passaport tal-minuri u t-tigdid tieghu u dan fl-ahjar interess tal-istess minuri. Illi fid-dawl ta' dan, il-Qorti tordna illi r-residenza primarja tal-minuri ghandha tibqa' mal-attrici omm. Illi ghalhekk u fl-ahjar interess tal-minuri HI, din il-Qorti tordna illi l-intimat ghandu jigi zvestit minn kull setgha u jeddijiet ta' genitur.

Fir-rigward tal-access mal-minuri, il-Qorti tqis illi huwa generalment fl-ahjar interess tal-minuri illi tigi preservata r-relazzjoni taghhom maz-zewg genituri, indipendentement mill-istat tar-relazzjoni ta' bejn il-genituri stess. Illi l-Artikolu 57 tal-Kap 16 jipprovdi kif segwenti:

***(1) Tkun min tkun il-persuna li f'idejha jiġu fdati l-ulied minuri tal-miżżewġin, il-miżżewġin jibqgħu fil-jedd li jaraw li kollox qiegħed isir sewwa għal dak li hu manteniment u edukazzjoni, u jibqgħu obbligati li joħorġu s-sehem li jmisshom għall-manteniment u l-edukazzjoni, skont il-liġi.***

***(2) Hu mħolli fid-dehen tal-qorti li tistabbilixxi, skont iċ- ċirkostanzi, iż-żmien, il-lok, u l-mod li fihom il-miżżewġin ikollhom aċċess għall-ulied.***

***(3) Il-qorti tista' tipprojbixxi għal kollox lill-missier jew lill-omm li jkollhom aċċess għall-ulied minuri tagħhom, meta dan jista' jkun ta' ħsara għall-ġid ta' l-istess minuri.***

Meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-genituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-ahjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maggor parti tal-kazijiet li jitressqu ghad-decizjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull decizjoni immankabilment thalli effett duratur fuq il-hajja tal-minuri u fuq il-hajja ta' dawk ta' madwar il-minuri. Illi gie rilevat mill-Qrati illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri…Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. - Limportanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli.***[12]

Din il-Qorti rat illi pendente lite, l-intimat kien inghata dritt ta' access supervizjonat u dana in forza ta' digriet datat 9 ta' Lulju 2020 li kien moghti seduta stante. **Illi din il-Qorti semghat ix-xhieda ta' diversi professjonisti fejn gie rimarkat diversi drabi illi l-minuri HI, kif ukoll hutha l-bniet FV u AV, kienu qieghdin jimmanifestaw sintomi ta' trawma emozzjonali u dan minhabba dak li garbu tul it-tfulija taghhom a kawza tal-intimat.** Illi din il-Qorti rat ukoll illi minkejja dak li dejjem tenna l-intimat, **l-intimat kien qieghed juza lil HI biss bhala arma sabiex jikkontrollha lill-attrici f'dak kollu li hija ghamlet u f'kull decisjoni li hija hadet jew ma haditx**. Illi mit-testimonjanza tal-attrici huwa evidenti li wara dak kollu li garrbu, il-minuri HI konsegwentement bdiet turi riluttanza kbira li tmur ghall-access ma' missierha, jew li terga tipprova tibni xi xejra ta' rapport jew relazzjoni mieghu, specjalment in segwitu tal-htief ta' HIminn idejn ommha quddiem bieb ta' *shelter*. Din il-Qorti fic-cirkostanzi ma tqisx illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi tigi ordnata tattendi access ma' missierha. Din il-Qorti rat ukoll **kif l-intimat kien juza l-access supervizjonat sabiex jiehu minn mohh it-tifla u jitkixxef fuq il-passi tal-attrici**, tant li l-istess haddiema socjali **irrakomandaw illi jsir *psychological assessment* fuq l-intimat.** Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-minuri HI hija fil-bzonn ta' terapija konsidervoli sabiex hija tipprova tohrog minn din it-trawma li ghexet ghal diversi snin u certament access impost fuqha mhuwiex ser jghin sabiex hija tgheleb din it-trawma f'dan l-istadju.

[12] Vide decisjoni tal-Qorti tal-Appell datata 3 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet Miriam Cauchi vs Francis Cauchi.

Illi fir-rigward it-talba ghall-manteniment, din il-Qorti hija konsapevoli illi t-trobbija tal-ulied iggib maghha diversi spejjes illum il-gurnata, apparti l-fatt li l-hajja qieghda tghola b'rata pjutost rapida. Illi kif diga ribadut, "***huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom"*** u dan l-oneru jinkombi fuq iz-zewg genituri. Illi pero' u naturalment dawn il-Qrati dejjem fehmu illi huwa stat ta' fatt li l-genitur li mieghu jkunu qieghdin jirrisjedu t-tfal, xi ftit jew wisq dan jillimita l-kapacita' ta' dak il-genitur li jiggenera introjtu akbar minn dak li ghandu fil-prezent.

Il-Qorti taghraf illi l-inaffidabilita' da parti tal-intimat, wasslet lir-rikorrenti trabbi lil minuri prattikament wahedha. Ghalhekk l-oneru tat-trobbija tat-tifla waqa' kollu fuq spallejn ir-rikorrenti. Il-Qorti taghraf illi hija qed taghmel kontribut non-finanzjarju sostanzjali fil-manteniment tal-minuri. Dan ghalhekk huwa fattur li fil-fehma tal-Qorti ghandu relevanza kbira fil-kuntest tal-likwidazzjoni tal-manteniment li ghandu jkun dovut mill-intimat. Illi din il-Qorti rat illi l-attrici tippercepixxi beneficcji socjali fir-rigward tal-minuri HIu qieghda tahdem bhala *home helper* fuq bazi *casual part-time*, u dana kif indikat fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-istess attrici. Illi di piu, l-attrici qieghd athallas kera ta' sitt mija u hamsin ewro (EUR 650) kull xahar, u qieghda tircievi sussidju ta' tlett mija, erba' u sebghin ewro u tmenin centezmu tal-Ewro (EUR 374.8) kull xahar mill-Awtorita tad-Djar.

Din il-Qorti rat illi permezz ta' skirttura privata datat 29 ta' Mejju 2016, il-partijiet kienu ftehmu illi l-intimat ghandu jivversa s-somma ta' hamsa u sebghin ewro (EUR 75) fil-gimgha bhala manteniment ghal bintu HI u cioe is-somma komplessiva ta' tlett mitt ewro (EUR 300) kull erba' gimghat, liema somma tinkludi ukoll l-ispejjes kollha relattivi ghas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri. Permezz ta' digriet moghti seduta stante, fl-udjenza tad- 9 ta' Lulju 2020, din il-Qorti ordnat lill-intimat jivversa s-somma ta' tlett mitt ewro (EUR 300) kull erbgha gimghat permezz ta' *standing order*.

Fil-prospett prezentat mill-attrici, u cioe Dok SRF 5, l-attrici indikat illi hija tinkorri l-ammont ta' sebgha mija erbgha u erbghin Ewro u seba' u sittin centenzmu tal-Ewro (EUR 744.670 ghall-minuri fix-xahar.

Illi mill-ahhar informazzjoni li ghandha din il-Qorti, jidher illi l-intimat huwa mahrub mill-

pajjiz. Illi ciononostante din il-Qorti tqis illi hija ghandha tikkonferma d-digriet pendente lite taghha tad- 9 ta' Lulju 2020, u tordna lill-intimat jivversa s-somma ta' tlett mitt Ewro (EUR 300) kull erba' gimghat bhala manteniment ghall-minuri, liema somma tinkludi sehem l-intimat mill-ispejjes ta'sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikular. Illi din il-Qorti tordna illi l-manteniment ordnat ghandu jinqata direttament mid-dhul, u /jew mill-introjtu tal-intimat, u/jew mill-paga, u/jew minn kwalsiasi beneficcji socjali jew pensjoni li l-intimat jista jkun qieghed talvolta jircievi, b'dana illi ghandu jigi depozitat f' kont bankarju indikat mill-attrici.

Illi l-manteniment ghandu jghola skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

Illi fir-rigward it-talba ghall-arretrati ta' manteniment, din il-Qorti taghraf illi kif dikjarat mill-attrici fl-affidavit taghha a fol 257 tal-atti, liema xhieda mhux kontradetta, sas- 7 ta' Dicembru 2021, l-intimat kellu jhallas s-somma ta' sitt elef u erba' mitt Ewro (EUR 6,400) rapprezentanti arretrati ta' manteniment ghal diversi xhur. Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-attrici tindika illi mit-8 ta' Dicembru 2021 sat-28 ta' Frar 2023, l-intimat ghandu arretrati ta' manteniment f'ammont ta' erbat elef u tmien mitt ewro (EUR 4,800) ohra. Illi din il-Qorti rat ukoll illi fix-xhieda tieghu tad-9 ta' Novembru 2022, huwa stqarr illi kienu ilhu xi sitt xhur ma jivversa manteniment. Illi ghalhekk u fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tordna lill-intimat ihallas lill-attrici s-somma ta' hdax-il ef u mitejn Ewro (EUR 11, 200) rapprezentanti arretrati ta' manteniment dovuti lill-attrici ghall-htigijiet tal-minuri HI.

Illi tenut kont tac-cirkostanzi imwera ta' dan il-kaz, din il-Qorti tqis illi t-talba tal-attrici ghall-Hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni versu l-persuna taghha, uliedha, u l-membri tal-familja taghha, hija gustifikata u ghalhekk tilqa' din it-talba.

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa l-ewwel talba u tordna illi l-intimat ghandu jigi zvestit mill-jeddijiet kollha ta' setgha ta' genitor u dan fl-ahjar interess tal-minuri HI;**
2. **Tilqa' t-tieni talba u tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri HI ghandha tkun vestita unikament u esklussivament fl-attrici omm,;**
3. **Tilqa' t-tielet talba u tordna illi l-attrici omm hija awtorizzata tiehu dawk id-decisjonijiet kollha relatati mas-sahha, safar, hrug ta' passaport u tigdid tieghu u mal-edukazzjoni tal-istess minuri minghajr il-kunsens, il-firma u l-presenza**

**tal-intimat;**

4. **Tilqa' r-raba talba u tordna illi r-residenza primarja tal-minuri HI ghandha tkun mal-omm u li d-domicilju u residenza ordinarja taghha ghandha tkun fil-Gzejjer Maltin;**
5. **Tilqa' l-hames talba limitatament u tordna illi l-minuri ghandha tithalla fil-harsien ta' terzi persuni li huma familjari tal-attrici u/jew persuni li huma indikati bhala persuni affidabbli mill-attrici;**
6. **Tilqa' s-sitt talba b'dana illi tordna illi l-access tal-missier versu l-minuri HI ghandu jibqa' sospiz, u dana fl-ahjar interess tal-minuri HI;**
7. **Tilqa' is-seba' talba, b'dana illi tordna lill-intimat jivversa lill-attrici s-somma ta' tlett mitt Ewro (EUR 300) kull erba' gimghat bhala manteniment ghall-minuri, liema somm ghandha tigi versata f'kont bankarju indikat mill-istess attrici, liema somma tinkludi sehem l-intimat mill-ispejjes ta' edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra-kurrikulari, liema ammont ghandu jinqatgha direttament mid-dhul, u/jew introjtu, u/jew salarju tal-intimat, u/jew kwalsiasi beneficcju, u/jew pensjoni li l-intimat jista talvolta jippercepixxi. Illi l-manteniment ghandu jghola skond l-indici tal-gholi tal-hajja. Illi dana l-ammont ghandu jibqa' hekk pagabbli sakemm il-minuri Hi taghlaq l-eta' ta' tmintax (18)- il sena jekk tieqaf mill-iskola u tibda tahdem fuq bazi full time, jew sa l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jekk il-minuri tiddeciedi li tkompli bl-istudji taghha fuq bazi full-time. Tordna illi l-attrici ghandha tippercepixxi kwalsiasi beneficcji li hija tista talvolta tkun eligibbli ghalihom minhabba l-minuri HI;**
8. **Tordna lill-intimat ihallas s-somma ta' hdax-il elf u mitejn Ewro (EUR 11,200) rapprezentanti arretrati ta' manteniment.**
9. **Tilqa' t-talba tal-attrici ghall-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna s-segwenti:**

**Tordna l-ħruġ tal-Ordni ta' Protezzjoni kontra II a favur SF u tal-familja immedjata tagħha li tinkludi lil uliedha AV, u FV ahwa V, u l-minuri HI, u membri tal-familja immedjata taghha, b'mod partikolari izda mhux limitatament missiera VF, u l-ex-ragel taghha CV, missier AV u FV ahwa V u dan taħt il-kundizzjonijiet segwenti:**

**(i) Tipprojbixxi lil II milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' SF, il-familjari taghha u l-persuni fuq indikati;**

(ii) **Tipprojbixxi lil II milli jikkuntattja b'kull mod, inkluz bil-mezzi eletroniċi, lil SF, il-familjari taghha u l-persuni fuq indikati, u tordnalu sabiex izomm distanza ta' mhux anqas minn kilometru mill-fond fejn jirrisjedu, tal-post tax-xogħol tal-attrici u/jew l-iskola ta' uliedha, uliedha, familjari taghha u l-persuni fuq indikati l-ohra, u f'distanza ta' mhux anqas minn mitejn metru (200m) kull fejn tkun tinstab SF, u l-persuni fuq indikati;**

(iii) **Tipprojbixxi lil II milli b'kull mod, inkluz bil-mezzi eletroniċi, jimmolesta, jivvessa, idejjaq jew jiffastidja lil attrici, il-familjari taghha u l-persuni fuq indikati;**

(iv) **Din l-Ordni ta' Protezzjoni qed tingħata effett immedjat u tibqa' fis-seħħ għal ħames (5) snin, liema zmien jista' jiġi ridott jew estiz għal perjodi ulterjuri ai termini tal-Artikolu 412(Ċ)(9) tal-Kodiċi Kriminali u Art 37 tal-Kodici Civili;**

(v) **Jekk mingħajr raġuni valida II jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu permezz ta' din l-Ordni ta' Protezzjoni, jista', jekk jinstab ħati, jeħel multa ta' sebat elef Ewro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux aktar minn sentejn, jew it-tnejn li huma;**

(vi) **Kopja ta' din l-Ordni għandha tiġi notifikata lil II a kariku ta' SF bil-mezz tal-purtier u jekk ikun hemm bzonn wara l-hinijiet legali;**

(vii) **L-Ordni ta' Protezzjoni maħruġa llum kontra II għandha tiġi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.**

**L-ispejjes kollha ghandhom ikunu a karigu tal-intimat.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**